

# IL-MIXED YOUTH CLUBS – IL-QAWMIEN TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIS-SITTINIJIET IL-COLORADOS U L-ISPARTEENS FIL-ĦAMRUN

*Noel D'Anastas, B.LAIS (Melit.), M.Mal.Stud (Melit), Dip.LIS, A.Mus LCM*



Bosta kienu dawk iż-żgħażagħ ta' nofs il-ħamsinijiet li raw il-film tal-1955, 'Rebel Without a Cause' b'James Dean jispikka fil-kast prinċipali. Kien qed ikun il-mudell il-ġdid tal-adoloxxenti fid-dehra ribelluża, xi kultant tiżvoga d-delinkwenza.*(1)* Fit-tieni nofs tas-snin ħamsin, iċ-ċinematografi kienu qed jesperjenzaw l-impatt tal-mużika rock-n-roll f'diski bħal *Rock Around the Clock* ta' Bill Haley & His Comets esklussivament diretti fil-films Amerikani 'Blackboard Jungle'u 'Rock Around the Clock'. Is-sens revoluzjonarju fiż-żifna l-ġdida u films bħal dawn, kienu qed joħolqu paniku morali fejn ir-*rock-n-roll* u *rockabilly* kien identifikat mad-delinkwenza u anke kien kważi projbit minn fuq it-televiżjoni u l-istazzjonijiet tar-radju.

Il-kundanna tal-Knisja, anke wkoll dik tal-Kurja Maltija f'April 1957, kważi ma swiet għal xejn għax din il-mużika baqgħet tindaqq, tinżifen u tikseb aktar popolarità maż-żgħażagħ ta' dak iż-żmien, l-aktar ma' dawk tal-klassi tal-ħaddiem, li issa b'aktar flus f'idejhom, bdew joħorġu 'l barra, indipendenti jgawdu lilhom infushom.*(2)* Is-soċjologu R. Serge Denisoff u William D. Romanowski, Professur tal-Arti Komunikattiva u Xjenza f'Calvin College, f'Michigan fl-Istati Uniti, jirrimarkaw li r-*Rock Around the Clock* qatlet lil 'Tin Paney Alley' u welldet il-ġenerazzjoni tal-kultura żagħżugħa moderna.*(3)* F'Malta, il-film *Rock Around the Clock* intwera għall-ewwel darba nhar is-27 ta' Diċembru 1956 fit-teatru tal-Ambassador fil-Belt.*(4)* Dan kollu kien fuq l-għatba tas-snin sittin, deskritt bħala 'il-ftuħ il-wiesgħa'. Jekk l-aħħar snin tal-ħamsinijiet welled is-sens ta' kultura żagħżugħa moderna, it-tibdil fis-sittinijiet sawwar żviluppi ġodda fil-letteratura, il-femminiżmu, l-element akkademiku u intelletwali, u l-kultura żagħżugħa jiffunzjonaw simultanjament. Kien żmien ta' taqlib, ribelljoni u protesti li spikka fuq kollox l-element politiku-reliġjuż. Il-*Beatlemania* u l-*British Invasion* kienu diġa evidenti fl-1963 li kien qed iqalleb ix-xenarju ta' taħt fuq.

F'Malta bdew jitfaċċaw bosta *guitar groups* ispirati mix-Shadows, il-Beatles, u oħrajn. Dawn il-*guitar groups* kont issibhom idoqqu f'postijiet ta' divertiment u f'lukandi, mir-riċevimenti u tiġijiet sa attivitajiet soċjali u *dances*. The Graduates, meqjusa bħala l-Beatles ta' Malta, The Boys u The Echoes kienu kkunsidrati fost l-aħjar *beat groups* li kien hawn f'Malta fis-sittinijiet. Dawn kienu qed jikkomunikaw mal-ġenerazzjoni żagħżugħa l-valuri dominanti tal-mużika pop tal-Punent ta' wara l-ħamsinijiet li għenhom biex jiffaċilitaw il-passaġġ mill-esperjenza tal-ħajja tradizzjonali għal aspirazzjonijiet u stili ta' ħajja mhux konvenzjonali.*(5)*

Din l-aspirazzjoni ġiet ukoll injettata f'pajjiżna bis-saħħa tal-involviment tal-*mixed youth clubs*, klabbs u għaqdiet għall-adoloxxenti u żgħażagħ imħalltin, subien u bniet, ġuvintur u tfajliet, li b'xi mod jew ieħor l-aspirazzjoni kienet qed iddarras il-moralità, skont uħud mill-ġerarkija tal-Kurja. Bla dubju, din l-ispirazzjoni kienet injettata mill-film mużikali

Brittaniku 'The Young Ones' (fl-Istati Uniti ġab l-isem ta' 'It's Wonderful to Be Young') tal-1961, li fih kien deher l-idolu tal-adoloxxenza ta' dak iż-żmien Cliff Richard. Il-*mixed youth clubs* kienu qed ifaqqsu f'diversi postijiet f'Malta, tant li sa Ottubru tal-1964, diġa' kien hemm stabbilit 13-il wieħed, fosthom *Teensville* ta' Tas-Sliema u l-*Institution for Cultural Education (I.C.E.)* fi Gwardamanġa u wara fil-Belt. Fil-Belt ukoll, kien hemm il-*Gayteens* u *Jiveland*. Klabbs prominenti oħra kienu l-*Goodtimers* u *The Valentines* li qabel kien jismu *The Twisters*.

Il-lista ta' dawn il-klabbs għaż-żgħażagħ imħallta kienet tinkludi lil ***Sparteens*** u ***Colorados*** li qabel kien iġib l-isem ta' Aliki, attivi fil-Ħamrun; il-*Kicksters* u l-*Mixed Teen Clan* f'Bormla; *The Saints* u *The Diamonds* f'Birkirkara; il-*Pinteens* tal-Każin Banda Pinto ta' Ħal Qormi; *Black Kats* u *The Cupids* f'Raħal il-Ġdid u *The Skelteens* fl-Imsida. Kien hemm oħrajn, iżda sal-1962 kienu spiċċaw, fosthom *Haven* u *ŻaqŻaq*.*(6)*

Min-naħa l-oħra, taħt l-umbrellun tal-Kurja fi żmien it-turbulenza ta' 'Frar l-Iswed' tal-1962, kien hemm iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara (Ż.H.N.) leali lejn l-Arċisqof Gonzi. Iż-Ż.H.N. kienu wkoll qed jorganizzaw attivitajiet li jogħġbu liż-żgħażagħ li setgħu jressquhom lejn il-ħafna ċentri li kien hawn imferrxa madwar Malta u Għawdex. Mertu kbir jingħata liż-Ż.H.N. fl-organizzazzjoni tal-ewwel edizzjonijiet tal-Malta Song Festival fis-sittinijiet u ż-żewġ edizzjonijiet tal-Festival tal-Kanzunetti Maltin imtellgħin fir-Radio City fl-1961 u 1962.*(7)*

Dawn il-*mixed youth clubs* li fl-Ingilterra kienu żviluppaw fil-ħamsinijiet, komplew ressqu l-klassijiet soċjali lejn xulxin. Ma kinux idduttrinati mill-Knisja u lanqas ma kienu taħt xi kappa politika, iżda kienu biss *'youth clubs'* fejn l-adoloxxenti, ġuvintur u tfajliet setgħu jiltaqgħu flimkien, jiddiskutu u jorganizzaw attivitajiet, fosthom kompetizzjonijiet għall-*beat groups* lokali, varjetajiet mużikali, *dances*, drama, dibattiti soċjali u politiċi, ħarġiet kulturali u edukattivi, *hikes*, attivitajiet sportivi u divertiti f'ambjent aktar miftuħ. Riedu jikkumbattu l-ġerarkiji tradizzjonali li oġġezzjonaw għall-internalizzazzjoni tal-valuri moderni.*(8)*

## L-iSparteens u l-Colorados fil-Ħamrun

Dominanti fil-Ħamrun kien hemm żewġ klabbs li taw ħafna kontribut liż-żgħażagħ tal-lokal u l-inħawi. Minhom ħarġu żgħażagħ li servew f'kumitati oħra, fosthom fil-Federazzjoni tal-*Malta Mixed Youth Clubs*. Ħarsa ħafifa lejn id-djarju tal-iSparteens, wieħed jinnota li dan kien attiv sew fl-organizzazzjoni ta' festivals tal-kant, id-*dances* li kienu jtellgħu fir-Regina Hotel f'Tas-Sliema u fil-Hollywood Theatre fil-Ħamrun, u dawk imsejħa *'bottle parties'*.

Attività kbira organizzata minn Sparteens kien il-'Festival of Amateur Singers' li ttella' fl-10 t'Ottubru 1964 fir-Radio City fil-Ħamrun. Fih kienu ħadu sehem 22 kantant maqsuma f'żewġ kategoriji, 11 kantaw mal-akkumpanjament mużikali ta' Edwin Galea and His Rockets – isem li jfakkrek f'Bill Haley and His Comets, u l-11 l-oħra ma' The Addicts, grupp tal-kitarri li kellu ammirazzjoni kbira. Doris Cordina, tfajla promittenti minn Birżebbuġa li interpretat *Datemi un martello* ta' Rita Pavone kienet klassifikat fl-ewwel post. Fit-tieni post kien ġie l-grupp vokali maskili The Copycats li interpretaw *I wouldn't trade you for the world* ta' The Bachelors li f'dak iż-żmien kienet fost l-aktar diski popolari f'Malta b'suċċess fil-klassifika Ingliża f'Awwissu tal-1964. Joseph Azzopardi kien rebaħ it-tielet post bil-kanzunetta ta' Little Tony *Quando vedrai la mia ragazza* minn Sanremo ta' dik is-sena. Il-festival inkluda wkoll żewġ kummiedji The Promotion u The Operation maħduma minn The Starlight Company. Fl-intervall, Tony Giorgio kanta kanzunetti Ingliżi u Amerikani filwaqt li Josephine Debono, Tony Agius u Frank D'Amato interpretaw kanzunetti Taljani. Laurie Bellizzi u Mary Grima mexxew is-serata.*(9)*

Il-Milied tal-1964 kien wieħed memorabbli għall-iSparteens tant li l-għada tal-Milied, kienu organizzaw *'party dance'* fis-sala tal-Każin tal-Banda San Ġużepp fil-Ħamrun. Dan id-*dance* kien sponsorjat mill-kumpanija tal-Malta Tobacco li bħala promozzjoni kienu ddistribwew mal-mitt sigarett lil dawk preżenti, xi ħaġa komuni li kienet qed issehh f'dak iż-żmien f'attivitajiet bħal dawn: żmien differenti mil-lum, fejn fil-passat, anke mhux daqshekk imbiegħed, id-ditti tat-tabakk kienu qed jirriklamaw u jisponsorjaw bosta attivitajiet, anke dawk imtellgħa miż-żgħażagħ. Edwin Galea and His Rockets kienu daqqew filwaqt li Stella u Doris Cordina, din tal-aħħar rebbieħa tal-'Festival of Amateur Singers', flimkien mal-istess Edwin Galea kantaw f'dan ir-riċeviment. Ħafna mill-membri flimkien mal-ġenituri tagħhom u ħbieb oħra żifnu mal-mużika, oħrajn bilwieqfa jitkellmu u oħrajn iħarsu lejn dawk li kienu qed jiżfnu u jikkumentaw.*(10)*

Fil-ħarġa tal-'Glamor' ta' Jannar 1965, magażin immirat għall-gosti taż-żgħażagħ, kien tħabbar li fil-ħarifa ta' dik is-sena, l-iSparteens Mixed Youth Club kien se jiftaħ is-sede tiegħu fi Triq il-Kanun, fil-Ħamrun.

Xahar wara, l-iSparteens waqqfu kumitat ġdid, iffurmat mill-President Frans Bezzina, il-Viċi-President Charles Bezzina, Tony Mifsud (Segretarju), Alfred Cutajar (Assistant Segretarju), George Chatlani (Teżorier), Tony Azzopardi (Assistant Teżorier) u Francis Ripard (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi). Frankie Galea kien magħżul kap tal-kumitat sportiv. L-iSparteens kellhom ukoll kumitat tat-tfajliet iffurmat minn Sandra Pisani (President), Jane Debattista (Segretarja), Mary Aquilina (Tezorier) u Joyce Vella (Membru).*(11)*

L-iSparteens kellhom l-ewwel 'Summer Bottle Party' fl-4 ta' Lulju tal-1965.*(12)* Erba' xhur wara, propju fis-27 ta' Novembru 1965 fir-Radio City fil-Ħamrun, l-iSparteens ttellgħu t-tieni edizzjoni tan-'National Sparteens Amateur Song Contest' segwit ukoll b'attenzjoni minn Fred Barry, ġurnalista awtorevoli mal-istamperija ta' Mabel Strickland li b'mod frekwenti kien jagħti għarfien dwar l-avvenimenti mużikali u dawk ta' varjetà fuq il-paġna tad-divertiment tiegħu fuq it-Times of Malta.
F'dik l-edizzjoni kienu ħadu sehem 25 parteċipant akkumpanjati mill-grupp The Echoes u Edwin Galea and His Rockets. Fost il-kantanti mistiedna kien hemm Carmen Schembri, Mary Rose Mifsud, Emmanuel Damato, Doris Heart, Stella Bright (li qabel kienu jkantaw taħt isimhom Doris u Stella Cordina rispettivament), u Tony Giorgio. Il-komiċi Charles Clews u Johnny Navarro kienu wkoll mistiedna. Fl-intervall, The Echoes daqqew għal ħmistax-il minuta kanzunetti popolari tal-Animals *It's my life*, u The Yardbirds *Evil hearted You*. Edwin Galea and His Rockets daqq il-*Pretty Woman* ta' Roy Orbison, *Vino, Dinero y Amor* li kien interpretaha wkoll Elvis Presley, *Comme' Faccette Mammette* kanzunetta tal-1906 miktuba minn Salvatore Gambardella u Giuseppe Capaldo u *The Reveille Rock* ta' Johnny and the Hurricanes, is-sigla tal-programm 'Non Stop Pops' imxandar fuq ir-Rediffusion. Bħas-sena preċedenti, Starlight Company taw *sketch* qasir. Il-komiċi Johnny Navarro u Charles Clews kienu wkoll preżenti fejn allegraw bil-komiċità tagħhom. Id-Duo Zahra preżentaw spettaklu ta' akrobazija. Il-*contest*, li kellu preżentazzjoni mix-xandar popolari D.J. Victor Aquilina, kien sponsorjat mill-kumpanija 'Malta Tobacco Co' manifatturi lokali tas-sigaretti 'Bristol' u 'Du Maurier'.*(13)*



*Edwin Galea and His Rockets waqt il-festival imtella' mill-iSparteens*

Sina Cremona li kantat *Quattro vestiti* ta' Milva kienet rebħet dan il-festival. Le Piccole Kesslers – imsemmijin għall-kantanti li interpretaw il-kanzunetta f'dan il-konkors – kienu klassifikati fit-tieni post b'*Lasciati Baciare col Let Kiss* ta' Alice & Ellen Kessler u Doris Curmi li ġiet fit-tielet post b'*Canzonetta Romantica* ta' Betty Curtis. Il-kwartett vokali The Copycats kienu kantaw *You've got your troubles* tal-Fortunes ma rnexxilhomx jikklassifikaw mar-rebbieħa. L-istess destin ġralhom il-Vagabonds li kantaw *Tired of waiting for you* tal-Kinks.*(14)*
Iż-żewġ edizzjonijiet ta' 'Sparteen Mixed Youth Club Song Contest' kienu ta' stimulu fil-karriera bikrija ta' Joe Tanti u Charles Bajada li flimkien ma' Carmen Vella kienu waqqfu l-grupp folkloristiku The Greenfields f'Marzu 1970.*(15)*
Qabel, Joe Tanti kien il-leader ta' dan il-kwartett vokali The Copycats, imwaqqaf f'Ġunju 1964 li nkluda wkoll lil tliet żgħażagħ oħra Ħamruniżi – Charles Bajada, John Sammut u Gaetan Naudi, kuġin ta' Joe Tanti. The Copycats iddebuttaw f'Sanremo Theatre fil-Ħamrun, fejn illum hemm il-Valentine Hall. Wara kienu rrappreżentaw il-Colorados Mixed Youth Club fl-I.C.E. Song Contest fis-sala tal-Università fil-Belt taħt il-patronċinju tal-Malta Mixed Youth Clubs. Kienu klassifikati fir-raba' post. Barra s-sehem tagħhom fi 'Sparteen Mixed Youth Club Song Contest', il-Copycats kienu ġew fit-tieni post fi 'Spartan Youth Festival', kuntest ta' talent.*(16)*
Fit-28 ta' Novembru 1965, l-għada tat-tieni edizzjoni tan-'National Sparteens Amateur Song Contest', il-President tal-iSparteens, George Chatlani mar l-Ingilterra biex hemm jibda' jaħdem mar-Royal Engineers f'Londra.*(17)* Wara l-Indipendenza, kien żmien fejn bosta żgħażagħ Maltin emigraw minn Malta. Fost dawn kien hemm Sonny Dimech (Sonny Monte), Jean u ħuh Tony Agius (Jon Lucas Woodenman), u Johnny Vassallo, il-kantant ta' The Echoes u The Hurricanes.

## Il-Colorados Mixed Youth Club bil-kulur tal-Ħamrun

Il-Colorados Mixed Youth Club twaqqaf f'Jannar tal-1964 għaż-żgħażagħ taċ-ċentru ta' Malta. Kien imwaqqaf fil-Ħamrun bil-fundaturi jkunu Victor Difesa, l-ewwel President tal-klabb u Romwald Casha, l-ewwel organizzatur. Kien hemm ukoll Victor Camilleri, Maurice Zammit, Mario Farrugia, Tony Mallia kif ukoll Patrick Frendo li kien l-ewwel Segretarju. Valerie Chetcuti kienet l-ewwel President għat-tfajliet. Dan kien l-ewwel kumitat li oriġinarjament kien ġab l-isem ta' Aliki u wara nbidel għal Colorados li jfisser 'Red Club', il-kulur tal-Ħamrun.
Wara l-*mass rally* li kien sar fil-Ħamrun mill-Federazzjoni Maltija tal-Mixed Youth Clubs kienu daħlu mas-70 membru ġdid fil-Colorados. L-ewwel *dance* organizzat minn dan il-*youth club* kien sar fl-10 ta' Mejju 1964 u għalih kienu attendew mal-500 żagħżugħ li żifnu għall-mużika ta' The Graduates. F'dan id-*dance*, il-Colorados niedew il-bandiera tal-klabb, l-ewwel waħda fix-xorta tagħha f'Malta f'dan ix-xenarju tal-klabbs, iddisinjata minn Frederick Attard. F'Ġunju tal-1964, in-numru tal-membri kien ta' madwar mija.



*Romwald Casha fi żmien li kien emigra lejn il-Kanada*

L-emigrazzjoni ta' Romwald Casha lejn il-Kanada u l-impenn tal-kors ta' filgħaxija li daħal għalih Victor Difesa wassal biex dawn telqu lill-klabb kif kienu għamlu wkoll xi wħud mill-membri tal-ewwel kumitat. Il-klabb kien kważi sfaxxa. F'Settembru tal-1964, daħal demm ġdid fil-ħidma tas-Segretarju l-ġdid, Godwin Ernest Pace li kien membru fl-ewwel Mixed Youth Club f'Malta, dak bl-isem ta' *The Twisters*, imwaqqaf lejn Frar tal-1962. Godwin Ernest Pace, illum mejjet, dak iż-żmien kien joqgħod il-Ħamrun u mbagħad il-familja marret toqgħod Tas-Sliema. Kien is-Segretarju Teżorier tal-Federazzjoni Maltija tal-Mixed Youth Clubs. B'din it-taqliba, John Buttigieg issa kien sar Viċi-President. F'Novembru ta' dik is-sena, il-Colorados kellhom *hike* miċ-Chadwick Lakes sal-bajja tal-ġnejna u ntemm l-Imġarr.

Meta Romwald Casha reġa' rritorna lura Malta mill-Kanada, kien ġie appuntat President tal-Colorados minflok Victor Difesa li kien irreżenja mill-uffiċċju u ħa l-post ta' Teżorier. Bidla oħra kienet fl-uffiċċju ta' Mario Farrugia li ma baqax Segretarju u issa sar Uffiċċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi.

Fis-17 ta' Jannar, 1965, il-Colorados organizzaw l-ewwel *dance* kbir għal dik is-sena fil-Hollywood. Il-mużika kienet provduta mill-*beat group* The Fenders, liema grupp kellu konnessjoni intima ma' dan il-*youth club*. Xahar wara, il-Colorados sab post fejn il-membri setgħu jiltaqgħu fi Triq San Girgor fi Gwardamangia. F'dan il-post kien hemm idoqq il-*beat group* bl-isem ta' The Fenders, kwintett li fosthom kien hemm Louis Grech li kien idoqq il-bass. Louis Grech, illum huwa d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali. Sonny Dimech, jew aħjar Sonny Monte għamel ftit ġimgħat ikanta magħhom qabel kien emigra lejn l-Ingilterra f'Diċembru 1964 biex jieħu kors ta' infermier fi Springfield.*(18)*

Il-grupp ta' żgħażagħ ħadem bi sħiħ biex dawn iż-żewġ garaxxijiet għamluhom utli għalihom. F'laqgħa għall-kumitat tal-klabb li kienet inżammet fit-18 t'April 1965, kien deċiż li l-post tal-Colorados jiftaħ uffiċjalment fit-2 ta' Mejju 1965 u jiġi dikjarat bħala l-ewwel *mixed youth club* li tnieda f'Malta.*(19)* Kien hemm ukoll xi ġimgħat li l-klabb kellhu jingħalaq minħabba każi ta' delinkwenza, iżda dan reġa' infetaħ fit-2 ta' Awwissu tal-1965.*(20)*

## Iż-żgħażagħ jipprotestaw - Rally kbir fil-Ħamrun

Dawk kollha li kienu affiljati f'xi wieħed minn dawn il-klabbs, jiftakru b'tant nostalġija l-ewwel *rally* li kien sar għalihom fil-Ħamrun, fi Pjazza San Pawl, jew dik kif inhi magħrufa aħjar bħala ta' Fra Diegu, nhar is-7 ta' Marzu 1965 fejn kienu attendew mijiet ta' żgħażagħ. Kien l-ewwel *rally* organizzat mill-polz żagħżugħ bil-għan li tkun eżentata t-taxxa fuq id-divertiment organizzat minn dawn il-klabbs taż-żgħażagħ. Jumejn qabel, kienet tnediet konferenza għall-aħbarijiet li għaliha kien hemm preżenti l-presidenti tal-klabbs. Jean Agius kien ħabbar li kien hemm 12-il klabb affiljat mal-Federazzjoni b'madwar 500 membru. Qal ukoll li kull xahar jiġu organizzati żewġ *dances*, l-uniku introjtu li għandhom il-klabbs għall-funzjoni tagħhom.*(21)*



*The Fenders*

Pjazza Fra Diegu kienet mimlija żgħażagħ iġorru *placards*, fosthom dawk li jgħidu *'We don't want to be taxed'*. Kienu tkellmu Romwald Casha, il-President tal-Colorados; John Spiteri, President tal-Ferteens; Victor Difesa, Teżorier tal-Colorados li kien introduċa l-Presidenti tal-klabbs rispettivi fid-diskors qasir tagħhom - David Cassar tal-Gayteens, Bernard Mayo tal-Black Kits u Joseph Spiteri tal-Pinteens.

Godwin Ernest Pace, it-Teżorier tal-Federazzjoni Maltija tal-Mixed Youth Clubs kien qal li dawn il-klabbs taż-żgħażagħ mhumix affiljati la mal-Knisja u lanqas mal-politika. Huwa kkumenta li kien hemm min qal li dawn il-*youth clubs* qegħdin hemm biss biex jorganizzaw id-*dances*.

B'referenza ta' dan, huwa semma li f'27 xahar kemm kien ilhom imwaqqfa l-klabbs, ġew organizzati mawriet edukattivi, *hike bikes*, dibattiti ta' natura politika u soċjali u konferenzi, *rallies*, attivitajiet kulturali u sportivi. Is-Segretarju Finanzjarju kompla jirrimarka li klabb biex jorganizza *dance* jonfoq 25 lira (€ 58.23) - li għal dak iż-żmien kienet bagatella tajba. Pace irrimarka li ma kienx jibqa' profit "għax it-taxxa tad-divertiment hi terz tal-prezz". Huwa jsemmi wkoll li hemm xi kumpaniji u fabbriki li ma riedux jgħinu fil-fondi tal-klabbs. Fir-risoluzzjoni li qara, kien hemm dikjarazzjoni mill-membri kollha affiljati li jekk dawn ma kienux lesti li jgħinu finanzjarment, iż-żgħażagħ kienu lesti jibbojkottjaw il-prodotti tagħhom. Ronald Bartolo, Segretarju tal-Federazzjoni, ta rendikont finanzjarju tal-Federazzjoni. Ikkumenta li l-gvern qed jieħu mal-1200 lira (€ 2795.24) kull sena mill-attivitajiet imtellgħin mill-Mixed Youth Club li l-membri tagħhom huma studenti. Dawn l-attivitajiet jinkludu *dances*, spettakli ta' varjetà u kompetizzjonijiet mużikali. B'din it-taxxa, il-klabbs kienu qed jibżgħu li ma jkunux kapaċi jħallsu l-kirjiet tal-postijiet tagħhom. Jean Agius li kellu merħba kbira minn dawk preżenti kien qal hekk: "Aħna nixtiequ nispjegaw lill-ġenituri u s-superjuri l-oħra li aħna mill-Mixed Youth Clubs m'aħniex ħżiena u negattivi kif ħafna pinġewna jew jgħidu li aħna". Agius semma li kien hemm studenti li ġew imbeżża' mill-għalliema tagħhom li jekk dawn jidħlu f'xi wieħed minn dawn il-klabbs, jiġu sospenduti jew imkeċċija mill-iskola. Qal ukoll li ħafna laqqmu lil dawn il-Mixed Clubs bħala 'dejjiena'. Jean Agius f'diskors imqanqal, ipprotesta bil-qawwa kollha kontra l-politika tal-Gvern li kien qed jintaxxa lil dawn il-klabbs taż-żgħażagħ għall-kuntrarju li kien qed issir lill-assoċjazzjonijiet oħra simili li kienu qed jiġu eżentati.

li l-Federazzjoni tal-Malta Mixed Youth Clubs tiddeplora l-fatt li l-Prim Ministru ma ħa l-ebda deċiżjoni fuq dak imħeġġeġ sitt xhur qabel mill-uffiċjali tal-Federazzjoni. Kienu ħeġġew ukoll lill-Arċisqof Gonzi biex jibgħat membri uffiċjali tal-kleru biex jaġixxu ta' kappillani ta' dawn il-klabbs. Fl-aħħar, huma wiegħdu lill-ġenituri u s-superjuri tagħhom li kienu qed jaġixxu tajjeb u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet kienu nodfa. Fid-diskors tiegħu, Jean Agius irringrazzja lil Miss Mabel Strickland, li dak iż-żmien kienet qed tħaddmu fl-istamperija tagħha, għall-interess li kienet qed tieħu f'dawn l-għaqdiet.*(22)*

Jidher ukoll li l-Knisja wara t-tmiem tal-Konċilju Vatikan II fl-1965, bdiet tiftaħ hi stess il-*youth centres* għaż-żgħażagħ imħallta. Minn tal-bidu kienu dawk imwaqqfa f'Raħal Ġdid, l-Msida, l-Imsierah, (illum San Ġwann) u fl-aħħar tas-snin sittin u l-bidu tas-sebgħinijiet infetħu wkoll fil-Gżira u fil-Ħamrun (Immakulata Kunċizzjoni) minn fejn bdew il-grupp folkloristiku, il-Greenfields.*(23)*



*Jean Agius meta kellu 16-il sena*

## Magażins għaż-żgħażagħ

Fil-Ħamrun ġew ukoll mitbugħa l-ewwel magażins għall-gosti tal-adoloxxenti u żgħażagħ tas-snin sittin. Il-pijunier kien Charles Xuereb, dak iż-żmien ġuvnot mimli enerġija u ambizzjoni li minn butu kien beda jippubblika magażin bit-titlu 'Malteen'. Wara perjodu qasir fil-ġurnaliżmu, Charles Xuereb kiseb fama kbira fix-xandir, esponent li m'għandu bżonn tal-ebda introduzzjoni. Illum kiseb id-dottorat mill-Istitut tal-Istudji Maltin fl-Università ta' Malta bl-istudju riċerkat u ppubblikat dwar Franza fil-memorja kollettiva Maltija (France in the Maltese collective memory). Ħamsin sena ilu, Charles Xuereb kien joqgħod f'17, Misraħ P.P. Muscat fil-Ħamrun. Minn hemm kienet toħroġ il-'Malteen' li bejn l-1964 u l-1965 kienet mitbugħa f'sitt ħarġiet.

Il-'Glamor' li kellu l-ewwel ħarġa tiegħu f'Novembru tal-1964, kien ippubblikat darba fix-xahar, għal erba' darbiet bejn l-1964 u l-1965 minn Golden Isle Publications u stampat għand Giov. Muscat. Kien jinbiegħ ħames soldi (0.05 ewro ċenteżmi) Kull korrispondenza kienet tintbgħat f'numru 635, Triq il-Kbira l-Ħamrun, propju fid-dar ta' Godwin Ernest Pace.*(24)* Wara, il-'Malteen' u 'Glamor' ġew amalgamati f'wieħed bl-isem ta' 'Bond', maħruġ għall-ewwel darba f'April tal-1965 bi prezz ta' sitt soldi (0.06 ewro ċenteżmi). Bond ġie ppubblikat seba' ħarġiet fl-1965.

Dawn il-magażins kienu mfittxija sew mill-adoloxxenti, l-aktar minħabba t-tagħrif dwar ix-xena mużikali bi profili dwar gruppi u kantanti li kienu qed jiksbu suċċess fil-klassifiki, l-aktar dawk fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti. Il-paġni bi preżentazzjoni attraenti għal dak iż-żmien, kienu jinkludu tagħrif dwar il-mużika Maltija, l-aktar dwar il-qasam tal-*beat groups* u l-festivals tal-kant. Ta' interess kien ikun it-tagħrif dwar il-klabbs taż-żgħażagħ u l-avvenimenti li kien ikollhom pjanati, minn *dance* fir-Regina Hotel, fil-Hollywood

jew fl-Università sa *hikes* u *bottle parties*. Ma jonqsux il-paġni tas-sbuħija u l-moda u xi kompetizzjoni. Kien żmien fejn il-komunikazzjoni interattiva ma kinitx virtwali, kienet ħajja u aktar eċitanti. Din hija parti żgħira mill-istorja tal-kultura popolari tal-Ħamrun u ta' gżiritna, storja tal-polz żagħżugħ u d-divertiment tagħhom ta' ħamsin sena ilu li bosta mill-protagonisti li żewquha, llum kibru fl-età u jgħoddu mal-veterani tas-soċjetà tagħna. Oħrajn ħallewna, iżda l-memorji tagħhom għadhom ħajjin. Dan huwa xhieda kemm il-Ħamrun kienet art fertili għall-ġenerazzjoni żagħżugħa tas-sittin li ftit ftit kienet qed twarrab l-għanqbut tat-tradizzjoni. Il-Ħamrun tas-snin ħamsin u sittin kien *avant garde* f'dak li nżamm fih, uħud minhom kienu novità. Jixhed dan il-ħames ċinematografi attivi li kien hemm, it-teatru tal-opra, il-każini tal-baned, l-andament sportiv, il-kontribut b'moħħ aktar miftuħ minn uħud mill-membri tal-kleru Ħamruniż, speċjalment wara l-Konċilju Vatikan II, li bla dubju sabu sfidi kbar quddiemhom f'dak li wettqu b'ħafna intoppi ukoll minn uħud minn sħabhom stess. Ma' dawn inżid il-kontribut fil-Ħamrun miż-Ż.H.N. fiċ-ċentru edukattiv u rekreattiv li kellhom fis-Sanremo.*(25)* Dan huwa biss parti minn dak li sawwar il-Ħamrun f'dak li hu llum.

© Noel D'Anastas, Ġunju 2015

Ħajr lill-Arkivju Nazzjonali, Librerija Nazzjonali, Librerija tal-Melitensia fl-Università ta' Malta, Joseph Amodio, Anthea-Marie D'Anastas, Charles J. Farrugia, Marlene Gouder, Tony Micallef, Philip 'Rokarja' Pace, Vince Peresso, Raymond Saliba u Dr. Charles Xuereb.

Referenzi:

1 Lawrence Frascella, Al Weise, *Live Fast, Die Young: The Wild Ride of Making Rebel Without a Cause*, (New York: Touchstone, 2005). Ara wkoll Bosley Crowther, 'Rebel Without a Cause (1955), The Screen: Delinquency; 'Rebel Without Cause' Has Debut at Astor', *The New York Times*, 27 t'Ottubru 1955.
2 Linda Martin, Kerry Segrave, *Anti-Rock: The Opposition to Rock 'n' Roll* (Hamden, Conn.: Archon Books, 1988), 49. Arkivju tal-Arċidjoċesi ta' Malta, Arċiscof Gonzi, ċirkularijiet 1943-62, No. 180 (23 t'April 1957).
3 R. Serge Denisoff, William D. Romanowski, *Risky Business: Rock in Film*, (New Jersey: Transaction Publishers, 1991), 1-71.
4 Referenza mogħdija lili minn Philip 'Rokarja' Pace. Ara Librerija Nazzjonali ta' Malta (LNM), *Times of Malta*, 27 ta' Diċembru 1956.
5 Albert Bell, *'Rock music and Counter-Culturalism in Malta'*, f'*Maltese Society: A Sociological Inquiry,* Ronald G. Sultana and Godfrey Baldacchino (eds.), Mireva, Malta 1994, 426.
6 Noel D'Anastas, 'Pop Music in Malta from the Fifties to the Seventies: In Search of a formula for National Identity' preżentata lill-Istitut tal-Istudji Maltin fl-Università ta' Malta (2011).
7 Noel D'Anastas, 'Il-Malta Song Festival - l-ewwel edizzjonijiet fir-Radio City. Il-kontribut taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara fl-era tal-konflitt politiku-reliġjuż' fil-programm tal-festa maħruġ mill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, Ħamrun (Malta), 2013, pp.81-91. <http://www.m3p.com.mt/wiki/Malta_Song_Festival_(D%27Anastas_2013)>
8 Noel D'Anastas, *'The Swinging Sixties in Claustrophobic Malta: The Rise of Malta's Mixed Youth Clubs'*, f'*A Timeless Gentleman: Festschrift in honour of Maurice de Giorgio*, Fondazzjoni Patrimonju Malti, Malta 2014, 427-437.
9 LNM, *Glamor,* Novembru 1964
10 *Glamor,* Jannar 1965
11 *Glamor*, Frar 1965
12 LNM, *Bond*, Awwissu 1965
13 *Bond*, Ottubru/Novembru 1965.
14 *Bond*, Diċembru 1965
15 Ara wkoll <http://www.greenfieldsmalta.webs.com/history.htm> (aċċessat fit-28 ta' Mejju 2015)
16 *Bond*, Settembru 1965
17 *Bond*, Diċembru 1965
18 *Glamor*, Jannar 1965
19 *Bond*, Mejju 1965
20 *Bond*, Awwissu 1965
21 *Times of Malta*, 6 ta' Marzu 1965
22 *Times of Malta*, 8 ta' Marzu 1965
23 Kommunikazzjoni elettronika max-xandar Tony Micallef fis-27 ta' Mejju 2014
24 Kommunikazzjoni virtwali fuq facebook ma' Philip 'Rokarja' Pace, hu Godwin Ernest Pace, nhar id-9 ta' Ġunju 2015.
25 Dan kien ġie inawgurat fl-1 ta' Jannar 1961 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi